KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmenin (80)***

***It-Tlieta, 10 ta' April, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH
IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**80.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

80.1.1 Tressqet ittra minghand il-Kunsillier Keith Fenech minhabba li jinsab indispost minhabba ragunijiet ta' sahha.

80.1.2 Il-Kunsill approva unanimament l-ittra ta' apologija.

**80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

80.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 79 li nzammet nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu 2018.

80.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 79 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

80.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 79. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 79 gew approvati unanimament.

**80.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 80/2018 – April 2018***

80.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 80-2018 biċ-ċekkijiet numru 6007 sa 6048 li tammonta €23,565.95

80.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 80-2017 bl-ammont ta' €23,565.95
Proponent: Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

80.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 80-2017 gew approvati unanimament.

**80.4 Jum Hal Ghaxaq 2018**

80.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar il-preparamenti li qed isiru ghall-attivita' tac-Cheese and Wine fejn infurmat li se jingieb *bouncing castle* kif ukoll puppet show ghal kids area, tlesta il-programm tal-ispettaklu tal-main stage, filwaqt li artigjanat ghad iridu jigu konfermati.

80.4.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Gieh Hal Ghaxaq, fejn staqsa rigward nominazzjonijiet. Ma tressqet l-ebda nomina u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li din is-sena ma jinghatax.

**80.5 <u>Korrispondenza</u>**

80.5.1 Tressqet korripondenza minghand l-awdituri fejn infurmawna li jekk ma jircievux dikjarazzjoni minghand Schembri Infrastructures, se jkunu qed jikkwalifikaw l-*Financial Statements* ghal din is-sena. Il-Kunsill qabel li jkellem lill-Awdituri sabiex l-accounts ma jigux kwalifikati minhabba dik il-figura izda jekk hemm bzonn isir adjustment.

80.5.2 Tressqet korrispondenza rigward applikazzjoni PA6738/06 sabiex tinbena skola f'Dawret Hal Ghaxaq. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-applikazzjoni giet mwaqqa' mill-applikant.

80.5.3 Tressqet korrispondenza dwar il-WIFIEU sabiex jiddentifika zoni fejn hemm bzonn il-WIFI. Il-Kunsill qabel li jitlob ghall-WIFI ghal-Librerija u fil-Pjazza.

80.5.4 Tressqet korrispondenza rigward kwistjoni fuq l-armar tal-festa bejn iz-zewg kazini. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-korrispondenza tista tintbaghat b'email, min jixtieq ikun infurmat dwarha.

80.5.5 Tressaq rapport dwar hsara li giet ikkawzata minn haddiem tas-CWCEF fejn waqt li kien qed jaqta xi haxix, taret gebla fuq karozza u ghamlet hsara fil-*windscreen*. Il-Kunsill qabel li jibghat id-dettalji lill-Insurance tal-Kunsill.

80.5.6 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li gie nnutat li t-tower crane fi Triq il-Wilga ghadu hemm minkejja li l-permess kien biss sa Dicembru. Il-Kunsill qabel li ghandu jinfurmah u jitolbu sabiex ihallas il-permess ghal dan il-perjodu kollu.

80.5.7 Tressqet talba sabiex titwahhal mera faccata tal-garaxxijiet fi Triq San Filippu. Il-Kunsill approva li ssir.

80.5.8 Tressqet korrispondenza dwar serati ta' qari u kitbiet minn Trevor Zahra. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom isiru.

80.5.9 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li parti mit-*turf* tal-*ground 5-a side* tqatta' u ghaldaqstant ingiebu 3 kwotazzjonijiet sabiex jinbidel it-*turf*. Minhabba li l-ispiza hija wahda sostanzjali, il-Kunsill qabel li ghandu jirranga fejn hemm imqatta' u jitlob *samples* ghalih.

80.5.10 Tressqet talba sabiex issir *bollard* fil-housing estate. Il-Kunsill ma qabilx li ssir *bollard* jekk il-karozzi li qed jidhlu huma biex jaghtu servizz. Ghaldaqstant ghandha tintalab iktar informazzjoni dwar it-talba.

**80.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

80.6.1 Is-Sindku Darren Abela pprezenta l-pjanti ta' Santu Rokku fejn il-Kunsill qabel li jimxi fuq il-pjanti li jindikaw il-parkegg madwar.

80.6.2 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-Monument tal-ghannej fejn qal li kellu talba sabiex l-applikazzjoni tithallas mill-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

80.6.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar centre strip li hemm fi Triq il-Hareb. Il-Kunsill qabel li jiccekja sew fuqha u ghala kienet tnehhiet, u wara jirraporta lit-TM biex issir skond il-permessi.

80.6.4 Is-Sindku Darren Abela informa li l-pjanti tal- *camp site* se jigu sottomessi l-PA.

80.6.7 Rigward il-Harga tat-tfal, is-Sindku stieden il-membri prezenti sabiex jekk jixtiequ jattendu ghal din l-attivita' li se ssir fit-18 ta' April 2018 fejn it-tfal se jzuru il-Parlament u Kastilja. Il-Kunsill qabel ukoll li jinghata snack lit-tfal kollha.

**80.7 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri**

80.7.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo tkellem dwar il-funtana ta' Gnien il-Kunsill u fakkar sabiex isir it-tindif tal-giebja tal-Bypass. Is-Sindku Darren Abela qal li jekk hemm xi hadd mill-Kunsilliera li jaf min jista jaghmel dan ix-xoghol, ghandu jghaddilna d-dettalji.

80.7.2 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar il-fondi tat-toroq taz-zoni rurali. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li qed tistenna l-ispecifications minghand il-Perit sabiex jinhareg it-tender.

80.7.3 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li hemm bzonn titranga il-bankina ta' quddiem il-hwienet fil-Housing Estate.

80.7.4 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment rigward il-qtugh tal-haxix fejn il-muzew tal-bniet.

80.7.5 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bzonn tinbidel it-tabella tal-Kunsill Lokali li hemm faccata tal-Convenience.

80.7.6 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo Leli qal li hemm problema sabiex niehdu lura l-fondi tat-tarmac minghand ir-Regjun. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-invoice tax-xoghlijiet li sar fi Triq il-Gardell ghadna ma rcevejnihiex u ghaldaqstant il-kuntrattur ghadu ma thallasx.

**80.8 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

80.8.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 8 ta' Mejju 2018 fil-5:30pm. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li se tkun qed taghmel laqgha staordinarja sabiex jigu approvati il-*Financial Statements 2017*.

Il-Laqgha ntemmet fit-19:15

________________________
Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku